II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 125/2013

**tat-13 ta' Frar 2013**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2) u (3) u l-Artikolu 38(c) u (d) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex titjieb is-superviżjoni ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u tal-awtoritajiet tal-kontroll u l-korpi tal-kontroll rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(3) ta' dak ir-Regolament, huwa xieraq li tiżdied il-kooperazzjoni ma' dawk il-pajjiżi terzi rikonoxxuti. Għalhekk, l-iskambju ta' esperjenza permezz tal-parteċipazzjoni ta' osservaturi waqt eżaminazzjonijiet fuq il-post għandha tkun possibbli.

(2) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tas-sistema ta' ekwivalenza, jeħtieġ li jiġi ċċarat li prodotti agrikoli pproċessati u l-ingredjenti kollha ta' tali prodotti, importati minn pajjiżi terzi li jkollhom l-awtoritajiet tal-kontroll jew il-korpi tal-kontroll rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, ġew sottomessi għal sistema ta' kontroll rikonoxxuta għall-iskop ta' ekwivalenza skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(3) L-esperjenza wriet li jistgħu jinqalgħu diffikultajiet fl-interpretazzjoni tal-konsegwenzi tal-irregolaritajiet jew tal-ksur li jaffettwaw l-istat organiku ta' prodott. Sabiex jiġu evitati aktar diffikultajiet u sabiex tiġi ċċarata r-rabta bejn ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi [2] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku [3], jeħtieġ li wieħed ifakkar d-dmirijiet tal-awtoritajiet tal-kontroll jew tal-korpi tal-kontroll tal-Istati Membri fir-rigward ta' prodotti mhux konformi importati minn pajjiżi terzi rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew minn pajjiżi terzi li jkollhom l-awtoritajiet tal-kontroll jew il-korpi tal-kontroll rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(3) ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, għandu jiġi ċċarat l-iskambju ta' informazzjoni dwar irregolaritajiet bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz rikonoxxut jew awtorità tal-kontroll jew korp tal-kontroll rikonoxxut/a.

(4) Sabiex jitjieb il-kontroll ta' prodotti organiċi importati, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni ta' importazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 fi żmien 15-il jum mid-data tal-ħruġ ta' tali awtorizzazzjoni.

(5) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 fih lista ta' pajjiżi terzi li s-sistema tagħhom ta' produzzjoni u l-miżuri ta' kontroll għall-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007. Fid-dawl ta' informazzjoni ġdida li rċeviet il-Kummissjoni minn pajjiżi terzi mill-aħħar emenda ta' dak l-Anness, għandhom isiru ċerti bidliet fil-lista.

[1] ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

[2] ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25.

[3] ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1.

(6) Ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza għall-Indja japplika għal prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati u għal prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel, li tkabbru fl-Indja. Madankollu, l-awtorità kompetenti Indjana nnotifikat lill-Kummissjoni dwar il-linji gwida ġodda relatati mal-prodotti proċessati li huma inkonsistenti mal-kundizzjonijiet skont liema l-Indja ġiet rikonoxxuta bħala pajjiż ekwivalenti. Fid-dawl ta' dik l-informazzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-Indja għandhom jiġu emendati sabiex titħassar ir-referenza għall-prodotti pproċessati għall-użu bħala ikel.

(7) Ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza għall-Ġappun japplika għal prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati u għal prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel, li tkabbru fil-Ġappun. Il-Ġappun ressqet talba quddiem il-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-ekwivalenza wkoll għall-prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel ippreparat b'ingredjenti importati minn pajjiżi rikonoxxuti mill-Ġappun bħala ekwivalenti. L-analiżi ta' dik l-informazzjoni u d-diskussjoni mal-awtoritajiet Ġappuniżi wasslu għall-konklużjoni li, f'dak il-pajjiż ir-regoli li jirregolaw il-produzzjoni u l-kontrolli tal-prodotti pproċessati għall-użu bħala ikel ppreparati b'ingredjenti importati bħal dawn huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007. Konsegwentement, ir-rikonoxximent ta' ekwivalenza għall-Ġappun għandu japplika wkoll għal prodotti pproċessati għall-użu bħala ikel ippreparat b'ingredjenti importati minn pajjiżi rikonoxxuti mill-Ġappun bħala ekwivalenti.

(8) L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 fih lista tal-korpi tal-kontroll u tal-awtoritajiet tal-kontroll li huma kompetenti biex iwettqu l-kontrolli u joħorġu ċ-ċertifikati f'pajjiżi terzi għall-iskop ta' ekwivalenza. Fid-dawl tal-informazzjoni ġdida li waslet għand il-Kummissjoni mill-korpi tal-kontroll u mill-awtoritajiet tal-kontroll elenkati f'dak l-Anness, għandhom isiru ċerti bidliet fil-lista.

(9) Il-Kummissjoni eżaminat it-talbiet għall-inklużjoni fil-lista stabbilita fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, li rċeviet sal-31 ta' Ottubru 2012. Għandhom jiġu inklużi f'dik il-lista dawk il-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll li għalihom l-eżami li kien sar sussegwenti, tal-informazzjoni kollha riċevuta, wassal għall-konklużjoni li jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(11) Sabiex tkun żgurata tranżizzjoni bla xkiel fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti u tal-korpi tal-kontroll u tal-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti, għandha tiġi stabbilita data aktar tard għall-applikazzjoni tal-emendi fl-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.

(12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat regolatorju għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 8(3), jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"Esperti minn pajjiżi terzi oħra rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jistgħu jiġu mistiedna mill-Kummissjoni biex jattendu għall-eżaminazzjoni fuq il-post bħala osservaturi."

(2) Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(4), jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) li tkun ivverifikat, għall-korpi tal-kontroll rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, li l-prodotti koperti miċ-ċertifikat u fil-każ ta' prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel u għalf, l-ingredjenti organiċi kollha ta' dawn il-prodotti, ġew ċertifikati minn awtorità tal-kontroll jew minn korp tal-kontroll ta' pajjiż terz rikonoxxut skont l-Artikolu 33(2) ta' dak ir-Regolament jew minn awtorità tal-kontroll jew korp tal-kontroll rikonoxxut skont l-Artikolu 33(3) ta' dak ir-Regolament jew prodotti u ċċertifikati fl-Unjoni skont dak ir-Regolament. Fuq it-talba tal-Kummissjoni jew tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, hija għandha tagħmel disponibbli mingħajr dewmien il-lista tal-operaturi kollha fil-katina tal-produzzjoni organika u tal-awtoritajiet kompetenti jew tal-korpi tal-kontroll li dawk l-operaturi jkunu qiegħdu l-operazzjonijiet tagħhom għall-kontroll tagħhom."

(3) L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Mingħajr ħsara għal kwalunkwe miżura jew azzjoni li għandha tittieħed skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, f'każ ta' suspett ta' ksur u ta' irregolaritajiet fir-rigward tal-konformità ta' prodotti organiċi importati minn pajjiżi terzi rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew prodotti organiċi importati kkontrollati minn awtoritajiet tal-kontroll jew minn korpi tal-kontroll rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(3) ta' dak ir-Regolament mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak ir-Regolament, l-importatur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa skont l-Artikolu 91(1) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008."

(b) Il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe miżura jew azzjoni li għandha tittieħed skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, fejn awtorità

tal-kontroll jew korp tal-kontroll ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz ikollha suspett sostanzjat ta' ksur jew ta' irregolarità fir-rigward tal-konformità ta' prodotti organiċi importati minn pajjiżi terzi rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew prodotti organiċi importati kkontrollati minn awtoritajiet tal-kontroll jew minn korpi tal-kontroll rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(3) ta' dak ir-Regolament mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak ir-Regolament, hija għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa skont l-Artikolu 91(2) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 u għandha tgħarraf immedjatament lill-korpi tal-kontroll, lill-awtoritajiet tal-kontroll u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati u tal-pajjiżi terzi involuti fil-produzzjoni oganika tal-prodotti inkwistjoni u lill-Kummissjoni."

(c) Jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Fejn awtorità kompetenti ta' pajjiż terz rikonoxxut skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew awtorità tal-kontroll jew korp tal-kontroll rikonoxxut/a skont l-Artikolu 33 (3) ta' dak ir-Regolament, hija nnotifikata mill-Kummissjoni wara li tkun irċeviet komunikazzjoni minn Stat Membru li jinfurmaha dwar suspett sostanzjat ta' ksur jew ta' irregolarità fir-rigward tal-konformità ta' prodotti organiċi importati mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak ir-Regolament jew f'dan ir-Regolament, hija għandha tinvestiga l-oriġini tal-irregolarità jew tal-ksur suspettat/a u għandha tgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru li bagħat il-komunikazzjoni inizjali dwar ir-riżultat tal-investigazzjoni u dwar l-azzjoni meħuda. Dik l-informazzjoni għandha tintbagħat fi żmien 30 jum kalendarju mid-data ta' meta ntbagħtet in-notifika oriġinali mill-Kummissjoni. L-Istat Membru li bagħat il-komunikazzjoni inizjali jista' jistieden lill-Kummissjoni biex titlob għal informazzjoni addizzjonali, skont il-ħtieġa, li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat. Fi kwalunkwe każ, wara li jirċievi risposta jew informazzjoni addizzjonali, l-Istat Membru li kien bagħat il-komunikazzjoni inizjali għandu jwettaq l-entrati meħtieġa u għandu jaġġorna s-sistema tal-kompjuter imsemmija fl-Artikolu 94(1) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008."

(4) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Kull Stat Membru għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija skont dan l-Artikolu, inkluża l-informazzjoni dwar l-istandards tal-produzzjoni u l-arranġamenti ta' kontroll ikkonċernati, fi żmien 15-il jum mid-data tal-ħruġ."

(5) L-Anness III huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(6) L-Anness IV huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, il-punti (5) u (6) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punti 1 u 2 tat-test li jirreferu għall-Indja jinbidlu b'dan li ġej:

"L-INDJA

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

| Kategorija tal-prodotti | Dežinjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness IV | Limitazzjonijiet |
|---|---|---|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati (*) | A | |
| Materjal tal-propagazzjoni veġettattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni | F | |

(*) L-alka mhix inkluża.

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategorija A u F li tkabbru fl-Indja."

(2) Il-punt 2 tat-test li jirreferi għall-Ġappun jinbidel b'dan li ġej:

"2. **L-Oriġini:** prodotti tal-kategorija A u F u l-ingredjenti mkabbrin organikament fil-prodotti tal-kategorija D li tkabbru fil-Ġappun jew li ġew impurtati fil-Ġappun:

— jew mill-Unjoni,

— jew minn pajjiż terz li għalih il-Ġappun irrikonoxxa li l-prodotti ġew prodotti u kkontrollati f'dak il-pajjiż terz skont ir-regoli ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża."

*ANNESS II*

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) It-test li jirrigwarda "Abcert AG" jinbidel b'dan li ġej:

" '**Abcert AG**'

1. Indirizz: Martinstraße 42-44, 73728 Esslingen am Neckar, il-Ġermanja

2. Indirizz tal-Internet: http://www.abcert.de

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| L-Azerbajġan | AZ-BIO-137 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Bjelorussja | BY-BIO-137 | X | — | — | x | — | — |
| L-Iran | IR-BIO-137 | X | — | — | x | — | — |
| Ir-Russja | RU-BIO-137 | X | — | — | x | — | — |
| L-Ukraina | UA-BIO-137 | x | — | — | x | — | — |

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, nbid

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2015."

(2) Wara t-test li jirrigwarda "Abcert AG" jiddaħħal it-test li ġej:

" '**Afrisco Certified Organic, CC**'

1. Indirizz: P.O. Box 74192, Lynnwood Ridge, Pretoria 0040, L-Afrika t'Isfel

2. Indirizz tal-Internet: http://www.afrisco.net

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| L-Afrika t'Isfel | ZA-BIO-155 | x | — | — | x | — | — |
| In-Namibja | NA-BIO-155 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Możambik | MZ-BIO-155 | x | — | — | x | — | — |
| Iż-Żambja | ZM-BIO-155 | x | — | — | — | — | — |

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, nbid

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2016."

(3) Wara t-test li jirrigwarda "Argencert SA", jiddaħħal it-test li ġej:

" '**AsureQuality Limited**'

1. Indirizz: Level 4, 8 Pacific Rise, Mt Wellington, Auckland, In-New Zealand

2. Indirizz tal-Internet: http://www.organiccertification.co.nz

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| In-New Zealand | NZ-BIO-156 | — | — | x | — | — | — |
| Il-Gżejjer Cook | CK-BIO-156 | x | — | — | — | — | — |

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, nbid u prodotti koperti bl-Anness III

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2016."

(4) It-test li jirrigwarda "Australian Certified Organic" jinbidel b'dan li ġej:

" '**Australian Certified Organic**'

1. Indirizz: P.O. Box 530 - 766 Gympie Rd, Chermside QLD 4032, L-Awstralja

2. Indirizz tal-Internet: http://www.australianorganic.com.au

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| L-Awstralja | AU-BIO-107 | — | x | — | x | — | x |
| Iċ-Ċina | CN-BIO-107 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Gżejjer Cook | CK-BIO-107 | x | — | — | — | — | — |
| Fiġi | FJ-BIO-107 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Gżejjer Falkland | FK-BIO-107 | — | x | — | — | — | — |
| Ħong Kong | HK-BIO-107 | x | — | — | x | — | — |
| L-Indonežja | ID-BIO-107 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Korea t'Isfel | KR-BIO-107 | — | — | — | x | — | — |
| Il-Madagaskar | MG-BIO-107 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Malasja | MY-BIO-107 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Papwa Ginea Ġdida | PG-BIO-107 | x | — | — | x | — | — |
| Singapor | SG-BIO-107 | x | — | — | x | — | — |
| It-Tajwan | TW-BIO-107 | x | — | — | x | — | — |
| It-Tajlandja | TH-BIO-107 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Vanwatu | VU-BIO-107 | x | — | — | x | — | — |

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni u prodotti koperti bl-Anness III

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2015."

(5) It-test li jirrigwarda "Austria Bio Garantie GmbH" jinbidel b'dan li ġej:

" '**Austria Bio Garantie GmbH**'

1. Indirizz: Ardaggerstr. 17/1, 3300 Amstetten, L-Awstrija

2. Indirizz tal-Internet: http://www.abg.at

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| L-Albanija | AL-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| L-Armenja | AM-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| L-Afganistan | AF-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| L-Azerbajġan | AZ-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Bjelorussja | BY-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Bosnja-Ħerzegovina | BA-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Kroazja | HR-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Kuba | CU-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Ġeorġja | GE-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| L-Iran | IR-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| L-Iraq | IQ-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Ġordan | JO-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Kazakistan | KZ-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Kosovo ([1]) | XK-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Kirgiżistan | KG-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Libanu | LB-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | MK-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Messiku | MX-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Moldova | MD-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Montenegro | ME-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Ir-Russja | RU-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| Is-Serbja | RS-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| It-Taġikistan | TJ-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| It-Turkija | TR-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| It-Turkmenistan | TM-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| L-Ukraina | UA-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |
| L-Uzbekistan | UZ-BIO-131 | x | — | — | — | — | — |

([1]) Din id-dežinjazzjoni għandha tkun bla ħsara għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u l-opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2015."

(6) Wara t-test li jirrigwarda "Austria Bio Garantie GmbH", jiddaħħal it-test li ġej:

" '**Balkan Biocert Skopje**'

1. Indirizz: 5-8/9, Dame Gruev Str., 1000 Skopje, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

2. Indirizz tal-Internet: http://www.balkanbiocert.mk

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | MK-BIO-157 | x | x | — | x | — | — |

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, nbid

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2016."

(7) It-test li jirrigwarda "BCS Öko-Garantie GmbH" jinbidel b'dan li ġej:

" '**BCS Öko-Garantie GmbH**'

1. Indirizz: Cimbernstraße 21, 90402 Nürnberg, Il-Ġermanja

2. Indirizz tal-Internet: http://www.bcs-oeko.com

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| L-Albanija | AL-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Alġerija | DZ-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Angola | AO-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Armenja | AM-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Azerbajġan | AZ-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Bjelorussja | BY-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Il-Bolivja | BO-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Botswana | BW-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Brażil | BR-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Burma/il-Mjanmar | MM-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Kambodja | KH-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Iċ-Ċad | TD-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Iċ-Ċilì | CL-BIO-141 | x | x | x | x | — | x |
| Iċ-Ċina | CN-BIO-141 | x | x | x | x | x | — |
| Il-Kolombja | CO-BIO-141 | x | x | — | x | — | — |
| Il-Kosta Rika | CR-BIO-141 | — | — | x | — | — | — |
| Il-Côte d'Ivoire | CI-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Il-Kroazja | HR-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Kuba | CU-BIO-141 | x | x | — | x | — | — |
| Ir-Repubblika Dominikana | DO-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Ekwador | EC-BIO-141 | x | x | x | x | x | — |
| L-Eġittu | EG-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| El Salvador | SV-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| L-Etjopja | ET-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Il-Ġeorġja | GE-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Il-Gana | GH-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Gwatemala | GT-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Ħaiti | HT-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Ħonduras | HN-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ħong Kong | HK-BIO-141 | x | — | — | — | — | — |
| L-Indoneżja | ID-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Iran | IR-BIO-141 | x | x | — | x | — | — |
| Il-Ġappun | JP-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Kenja | KE-BIO-141 | — | — | — | x | — | — |
| Il-Kosovo ([1]) | XK-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Il-Kirgiżistan | KG-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Il-Laos | LA-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Lesoto | LS-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | MK-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Malawi | MW-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Messiku | MX-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Il-Moldova | MD-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Montenegro | ME-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Możambik | MZ-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| In-Namibja | NA-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| In-Nikaragwa | NI-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| L-Oman | OM-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Il-Panama | PA-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Paragwaj | PY-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Il-Perù | PE-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Il-Filippini | PH-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Ir-Russja | RU-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| L-Arabja Sawdija | SA-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Is-Senegal | SN-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Serbja | RS-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Afrika t'Isfel | ZA-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Il-Korea t'Isfel | KR-BIO-141 | x | — | x | x | x | — |
| Is-Sri Lanka | LK-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Sudan | SD-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Sważiland | SZ-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Polineżja Franċiża | PF-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| It-Tajwan | TW-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| It-Tanzanija | TZ-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-Tajlandja | TH-BIO-141 | x | — | x | x | x | — |
| It-Turkija | TR-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| L-Uganda | UG-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Ukraina | UA-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| L-Emirati Għarab Magħquda | AE-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Urugwaj | UY-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Il-Venezwela | VE-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |

(1) Din id-dežinjazzjoni għandha tkun bla ħsara għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u l-opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2015."

(8) It-test li jirrigwarda "Bioagricert S.r.l." jinbidel b'dan li ġej:

" '**Bioagricert S.r.l.**'

1. Indirizz: Via dei Macabraccia 8, Casalecchio di Reno, 40033 Bologna, L-Italja

2. Indirizz tal-Internet: http://bioagricert.org

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| Il-Brażil | BR-BIO-132 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Kambodja | KH-BIO-132 | x | — | — | — | — | — |
| Iċ-Ċina | CN-BIO-132 | x | — | — | x | — | — |
| L-Ekwador | EC-BIO-132 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Polineżja Franċiża | PF-BIO-132 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Laos | LA-BIO-132 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Messiku | MX-BIO-132 | x | x | — | x | — | — |
| Il-Marokk | MA-BIO-132 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Serbja | RS-BIO-132 | x | x | — | — | — | — |
| Il-Korea t'Isfel | KR-BIO-132 | x | — | — | x | — | — |
| It-Tajlandja | TH-BIO-132 | x | x | — | x | — | — |
| It-Turkija | TR-BIO-132 | x | — | — | x | — | — |
| L-Ukraina | UA-BIO-132 | x | — | — | x | — | — |

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, nbid

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2015."

(9) It-test li jirrigwarda "BioGro New Zealand Limited" jinbidel b'dan li ġej:

" '**BioGro New Zealand Limited**'

1. Indirizz: P.O. Box 9693 Marion Square, Wellington 6141, In-New Zealand

2. Indirizz tal-Internet: http://www.biogro.co.nz

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| Il-Malasja | MY-BIO-130 | — | — | — | x | — | — |
| Nju | NU-BIO-130 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Samoa | WS-BIO-130 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Vanwatu | VU-BIO-130 | x | — | — | x | — | — |

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, nbid

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2015."

(10) Wara t-test li jirrigwarda "BioGro New Zealand Limited", jiddaħħal it-test li ġej:

" '**Bio.inspecta AG**'

1. Indirizz: Ackerstrasse, 5070 Frick, L-Isvizzera

2. Indirizz tal-Internet: http://www.bio-inspecta.ch

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| L-Albanija | AL-BIO-161 | x | — | — | x | — | — |
| L-Azerbajġan | AZ-BIO-161 | x | — | — | x | — | — |
| Kuba | CU-BIO-161 | x | — | — | x | — | — |
| L-Indoneżja | ID-BIO-161 | x | — | — | x | — | — |
| L-Iran | IR-BIO-161 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Kosovo ([1]) | XK-BIO-161 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Libanu | LB-BIO-161 | x | — | — | x | — | — |
| Ir-Russja | RU-BIO-161 | x | — | — | x | — | — |
| It-Tanzanija | TZ-BIO-161 | x | — | — | x | — | — |
| It-Turkija | TR-BIO-161 | x | — | — | x | — | — |

([1]) Din id-dežinjazzjoni għandha tkun bla ħsara għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u l-opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, nbid

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2016."

(11) It-test li jirrigwarda "Bio Latina Certificadora" jinbidel b'dan li ġej:

" '**Bio Latina Certificadora**'

1. Indirizz: Av. Alfredo Benavides 330, Ofic. 203, Miraflores, Lima 18, Il-Perù

2. Indirizz tal-Internet: http://www.biolatina.com

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
